MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tal-15 ta' Ottubru, 2010

Rikors Numru. 847/2010

**Fl-atti tal-mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1491/09 fl-ismijiet:**
**Kummissarju tat-Taxxa Interni**
**Vs**
**Mambra Electronics Limited (C-18626)**
**Joseph Pavia (ID No. 281687M) f’ismu proprju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’ Mambra (C-18626)**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors ta’ **Mambra Food and Beverage Limited (C-26427)** li bih talbet li dina l-Qorti tirrevoka parzjalment il-mandat ta’ inibizzjoni fuq imsemmi, fis-sens li tiddikjara li dan il-mandat m’ghandux japplika ghall-proprjeta’ **Juniper, Triq in-Nixxiegha, Santa Maria Estate,**

**Mellieha,** proprjeta' tas-socejta' rikorrenti, salv kull porvvediment xieraq u opportun.

Rat ir-risposta tal- **Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud** li ghar-ragunijiet minnu esposti, oppona r-revoka tal-mandat imsemmi stante li b'tali revoka jigi ppregudikat irrevokabbilment il-gbir tat-taxxi lilu dovuti.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;
Rat in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom;

**Kontestazzjoni**

Illi r-rikorrenti qed jibbazzaw it-talba taghhom ghar-revoka parzjali tal-mandat ta' inibizzjoni *de quo* fuq il-premessa li s-socjeta' rikorrenti qatt ma setghet tiffigura bhala parti f'dawn il-proceduri billi l-ammont huwa dovut mis-socjeta' Mambra Electronics Limited u mhux minnha, u fit-tieni lok l-proprjeta' surreferita tappartjeni lis-socjeta' rikorrenti u mhux lill-intimati l-ohra.

Ir-rikorrenti jissottomettu wkoll li l-kwistjoni tal-*lifting of the corporate veil* mqajjma mill-intimat m'ghandhiex tigi diskussa billi l-Qorti tkun qed tidhol fil-mertu u ma tibqax biss kwistjoni ta' prima facie. Inoltre ma jirrizultax, almenu prima facie, li r-rikorrenti agixxew in mala fede.

L-intimat, Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, wiegeb li l-villa in kwistjoni nxtrat minn Joseph Pavia ghan nom u n-rapprezentanza ta' Mambra Office Equipment Limited, li wara biddlet isimha f'Mambra Food and Beverage Limited (ara kuntratt datat 4 ta' Marzu 2005). Illi skont il-Kummissarju l-villa nxtrat minn Joseph Pavia bhala proprjeta' residenzjali tieghu izda bi flus ta' Mambra Electronics Ltd u dan mhux biex jinnegozjaha. L-intimat jissottometti inoltre li jidher *ictu oculi* u bl-aktar mod palesi li Joseph Pavia u l-kumpaniji tieghu huma haga wahda u li huwa qed jinheba wara dawn l-kumpaniji biex xtara d-dar residenzjali tieghu.

**Konsiderazzjonijiet**

Illi s-socjeta' rikorrenti talbet li l-mandat ta' inibizzjoni jigi revokat parzjalment, u dana fil-konfront taghha, billi ssostni li hija ma kelliex tkun parti f'dawn il-procedura billi l-propjeta' li Joseph Pavia gie inibit milli jbiegh jew jittrasferixxi hija proprjeta' taghha u dana kif jirrizulta mill-kuntratt ezibit datat 4 ta' Marzu 2005.

Fil-fatt skont dan il-kuntratt il-proprjeta' Juniper, Triq in-Nixxiegha, Santa Maria Estate, Mellieha, mertu ta' dan ir-rikors inxtrat minn Mambra Office Equipment Limited, liema kumpanija wara biddlet isimha ghal Mambra Food and Beverage Limited.

Illi skont id-dokument G ezibit man-nota responsiva ta' l-intimat jirrizulta li Joseph Pavia ghandu diversi kumpaniji, inkluza dika rikorrenti, li fihom huwa jidher bhala major shareholder, director, legal & Judicial Representative u Company Secretary.

Mid-dokument E ezibit ma' l-istess nota, jirrizulta li l-istess Joseph Pavia, bhala direttur ta' Mambra Electronics Ltd, kien kiteb lid-Dipartiment tal-VAT fejn infurmah li kien ser ibiegh il-proprjeta' tieghu 'Juniper' fil-Mellieha u ddeskriviha bhala " my property", dan biex jissettilja l-kontijiet tat-Taxxa, Vat u Eco contribution.

Fic-cirkostanzi, mad-daqqa t'ghajn, mhux eskluz li Joseph Pavia qed juza dawn il-kumpaniji bhala paraventu biex jevita l-obbligi fiskali bil-protezzjoni li taghtih il-ligi bl-istitut ta' inkorporazzoni.

Ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma li l-intimat fuq bazi prima facie kien gustifikat jitlob il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni anke fuq dina l-proprjeta' stante li jekk ma jinharigx il-mandat, jew fil-kaz in ezami jekk jigi revokat parzjalment, il-jedd ta' l-intimat ghall-hlas tat-taxxa jigi pregudikat irrimedjabillment.

Dan ma jfissirx li b'daqshekk il-jedd ta' l-intimat gie ppruvat. Bhalma lanqas ma jfisser li l-fatt li talba ghar-revoka parzjali tal-mandat ma gietx milqugha, il-jedd pretiz mir-rikorrenti ma jezistix. It-tiftix li trid taghmel din il-Qorti

huwa jekk, bl-ghamil li minnu qieghed jibza l-intimat jistax jintilef irrimedjabillment jekk tintlaqa t-talba tar-rikorrenti. Ghalhekk il-kwistjoni dwar il-mala fede u tal-*lifting of the corporate veil* huma materji li ghandhom jigu diskussi f'sede proprja meta jigi trattat il-mertu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, tiddeciedi billi tichad it-talba tar-rikorrenti,
Bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------